Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 71/2003/1

***Societa Filarmonika Sliema***

***versus***

***Rita Zammit, Mario Zammit u Leonard Zammit f'ismu proprija u bhala prokuratur ta' l-imsiefrin Josette Gallon u Bernardette Owens, Godfrey Azzopardi bhala prokuratur tal-imsiefer George Scargall, Ettiene Zammit, Theresa Zammit bhala prokuratrici ta' l-imsiefrin Mireille u Veronique ahwa Zammit, Joseph Cassar a nom u fl-interess tal-imsiefrin Victor Zammit, Dante Zammit, Beatrice Geerings, David Burfoot, John Burfoot, Nigel Burfoot, Nathalie Burfoot, Adrian Burfoot, u kif ukoll bhala prokuratur tal-imsiefrin Carmen Brook, Dorothy Zammit, Eddie Zammit, Anna Briggs, Michael Fawkner u Rose Brunell, John Caruana u Victoria Hampton.***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi hija notifikata bl-ittra ufficjali dok A mill-intimati li biha hija giet avzata li huma mhux lesti igeddu l-kera tal-fond 34 Triq San Trofimus Sliema, mikri lilha bhala kazin, jekk mhux skond l-iskrittura ta' l-10 ta' Mejju 2003 markata bhala dokument B u cioe' bil-kera ta' Lm300 fis-sena u kif hemmhekk miftiehem.

Illi huma iridu jaccettaw din il-kera u l-bdil fil-kundizzjonijiet tal-kera kif stipulati fl-imsemmija skrittura tal-10 ta' Mejju, 2003;

Ghaldaqstant is-societa' rikorrenti titlob umilment lil dan il-Bord sabiex japprova l-kera ta' Lm300 fis-sena ghal fond 34, Triq San Trofimus, Sliema u l-kundizzjonijiet l-ohra li jibdlu l-kundizzjonijiet tal-kera skond l-iskrittura tal-10 ta' Mejju, 2003.

Ra n-nota ta' l-intimata prezentata llum seduta stante fejn intalbet sentenza skond ftehim bejn il-partijiet tal-10 ta' Mejju, 2003.

Jilqa' t-talba fis-sens li jikkonferma l-ftehim tal-10 ta' Mejju, 2003 u hekk jiddisponi mir-rikors. Il-ftehim jaghmel parti shiha minn din is-sentenza. L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------